IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.11.2017
COM(2017) 662 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport annwali dwar il-politiki ta' għajnuna umanitarja tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2016

Werrej

Introduzzjoni 3

Ħarsa ġenerali tal-operazzjonijiet prinċipali tal-għajnuna umanitarja appoġġati fl-2016 3

Informazzjoni u sorsi addizzjonali 11

INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet ewlenin tal-Unjoni u l-eżiti tal-politika fl-2016 fil-qasam tal-għajnuna umanitarja, imwettqa mid-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja (DĠ ECHO) tal-Kummissjoni Ewropea. Ir-rapport huwa mħejji skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tressaq rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'sommarju tal-operazzjonijiet iffinanzjati tul is-sena ta' qabel.

ĦARSA ĠENERALI TAL-OPERAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-GĦAJNUNA UMANITARJA APPOĠĠATI FL-2016

Fl-2016, il-kriżijiet umanitarji żdiedu fl-għadd, fil-kumplessità u fis-severità. Kien hemm aktar minn 50 konflitt armat, bi ftit jew l-ebda titjib fl-aktar kriżijiet gravi ta' skala kbira bħal dawk fis-Sirja, il-Jemen, is-Sudan t'Isfel jew fir-reġjun tal-Lag taċ-Chad. Id-diżastri naturali — marbuta ma' xejriet kbar bħat-tibdil fil-klima, l-urbanizzazzjoni u l-pressjonijiet demografiċi — f'dawn l-aħħar snin ħolqu ħtiġijiet umanitarji għal madwar 26 miljun persuna kull sena. B'kollox, iktar minn 95 miljun ruħ f'40 pajjiż kienu fi bżonn ta' għajnuna umanitarja fl-2016, u kważi 65 miljun persuna (nofshom tfal) ġew imġiegħla jitilqu minn djarhom — aktar minn qatt qabel.

F'dan l-isfond drammatiku, il-baġit għall-għajnuna umanitarja tal-UE fl-2016 kien l-ogħla li qatt kien, EUR 1,8 biljun[1].

Ir-rispons għall-kriżi Sirjana

Proporzjon sinifikanti tal-baġit umanitarju tal-UE fl-2016 mar għall-appoġġ lir-refuġjati fil-pajjiżi l-aktar milquta b'mod dirett mill-kriżi fis-Sirja, kif ukoll nies fis-Sirja li jeħtieġu għajnuna umanitarja.

B'ħekk, il-Kummissjoni allokat EUR 454 miljun għal ħidmiet umanitarji fis-Sirja u l-pajjiżi ġirien, skont il-wegħdiet li saru waqt il-konferenza ta' Londra fi Frar 2016.

Fis-Sirja, kważi nofs l-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni marret għal operazzjonijiet għas-salvataġġ immedjat tal-ħajja u umanitarji ta' emerġenza. Barra minn hekk, l-għajnuna inkludiet il-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb, is-sanità u l-iġjene, il-provvista tal-ikel, il-protezzjoni tat-tfal u oġġetti ta' emerġenza. Fil-Ġordan u l-Libanu, il-finanzjament umanitarju tal-UE kkontribwixxa għal għajnuna fi flus għar-refuġjati l-aktar vulnerabbli, kura tas-saħħa sekondarja għas-salvataġġ tal-ħajja, l-edukazzjoni mhux formali, il-kenn kif ukoll l-ilma, l-iġjene u s-sanità. L-isforzi ffukaw ukoll fuq attivitajiet ta' promozzjoni qawwija fil-livell internazzjonali għal aċċess umanitarju mingħajr xkiel, il-protezzjoni tar-refuġjati u r-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali.

Fl-2016 l-UE daħħlet fis-seħħ ukoll il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija[2], sabiex tgħin biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' tliet miljun rifuġjat ospitat mit-Turkija. Il-EUR 1,4

[1] Il-finanzjament ta' EUR 173 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp huwa inkluż f'dan l-ammont.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni — il-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija (ĠU C 407,

biljun segment umanitarju tal-Faċilità għall-2016 u l-2017 huwa ffukat prinċipalment fuq l-appoġġ ta' refuġjati barra mill-kampijiet (li jiffurmaw il-maġġoranza assoluta ta' refuġjati fit-Turkija, u huma wkoll l-aktar vulnerabbli). Għal dan l-għan, il-Kummissjoni — b'ħidma permezz tal-Programm Dinji tal-Ikel u l-Organizzazzjoni Torka tan-Nofs Qamar l-Aħmar — nediet l-ikbar proġett umanitarju li qatt sar mill-UE, is-Sistema ta' Protezzjoni Soċjali ta' Emerġenza (ESSN), bl-għan li tipprovdi trasferimenti ta' flus kontanti kull xahar lil miljun mir-refuġjati l-iżjed vulnerabbli permezz ta' karti ta' debitu.

Ir-rispons għall-ħtiġijiet umanitarji fl-Afrika

Bħal fis-snin preċedenti, ir-rispons għall-kriżijiet umanitarji fl-Afrika kien parti sinifikanti oħra tal-għajnuna umanitarja tal-UE, b'enfasi partikolari fuq emerġenzi kumplessi fis-Saħel u fil-Qarn tal-Afrika kif ukoll fir-reġjun tal-Lag taċ-Chad, fejn il-kriżijiet tas-sigurtà alimentari kienu koperti b'għadd ta' kunflitti li ilhom għaddejjin. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni allokat EUR 747 miljun għal kriżijiet fl-Afrika sub-Saħarjana. Minn dawn, l-ikbar allokazzjonijiet marru għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel. (EUR 192 miljun) u għall-Qarn tal-Afrika (EUR 203 miljun), kif ukoll għall-Afrika tal-Punent (EUR 140 miljun). Kemm fil-Qarn kif ukoll fis-Saħel, element ċentrali tal-istrateġija tal-Kummissjoni kien li tiżgura rabtiet mill-qrib mal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE, bl-għan li tiġi appoġġata r-reżiljenza ta' komunitajiet affettwati. Fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA), l-UE baqgħet donatur umanitarju attiv ferm, f'konformità mal-impenn ta' profil għoli konsistenti tal-UE fir-RĊA, filwaqt li pprovdiet għajnuna fuq perjodu qasir u fit-tul u filwaqt li appoġġat il-bini tal-reżiljenza għall-vittmi tal-kunflitt fil-pajjiż stess kif ukoll lir-refuġjati f'pajjiżi ġirien.

L-Iraq, ir-reġjun usa' tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq

L-UE kellha rwol ewlieni fl-għoti tal-għajnuna lill-vittmi tal-kunflitt fl-Iraq (EUR 159 miljun) u kienet minn ta' quddiem fl-isforzi ta' promozzjoni internazzjonali (*inter alia* permezz ta' avveniment ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali tan-NU ospitata mill-Kummissarju Stylianides). L-UE għenet ukoll tiskjera u tikkoordina assistenza in natura mill-Istati Membri tal-UE permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili[3] fil-kuntest tal-kunflitt madwar Mosul.

Barra minn hekk, l-UE kompliet tipprovdi appoġġ sinifikanti għall-operazzjonijiet umanitarji fil-Jemen (EUR 70 miljun), fejn is-sitwazzjoni baqgħet tiddeterjora kemm f'dak li jirrigwarda l-bżonnijiet umanitarji bażiċi u r-rispett għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali, kif ukoll fil-Palestina (EUR 25 miljun). Fl-Afrika ta' Fuq, ġie pprovdut appoġġ kontinwu biex jgħin jintlaħqu l-ħtiġijiet umanitarji tar-refuġjati Saħarjani kif ukoll lill-popolazzjoni milquta mill-konflitt fil-Libja.

L-Ukrajna

L-UE baqgħet waħda mill-akbar donaturi umanitarji għall-kriżi fl-Ukrajna, billi pprovdiet l-ikel, il-kenn, is-servizzi tas-saħħa u appoġġ psikoloġiku lil dawk l-aktar vulnerabbli li qed ibatu minħabba l-kunflitt fil-Lvant tal-Ukrajna. B'kollox, ġew mobilizzati EUR 28,4 miljun għar-rispons umanitarju tal-UE għall-kriżi.

8.12.2015, p. 8), kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2017 dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta' Novembru 2015.

[3] http://ec.europa.eu/echo/what/civil-protection/mechanism_en

Rispons għal diżastri naturali

Li twieġeb b'mod rapidu u effettiv għal diżastri naturali kienet prijorità ewlenija għall-Kummissjoni fl-2016 ukoll. Dan hu bbażat kemm fuq l-għajnuna umanitarja mogħtija permezz ta' organizzazzjonijiet sħab kif ukoll fuq il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, li jiffaċilita u jikkoordina l-assistenza in natura tal-Istati Membri permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC).

Fl-2016, ir-rispons għall-fenomenu El Niño tal-2016 — wieħed mill-agħar rreġistrati — kien prijorità ewlenija. Il-Kummissjoni allokat EUR 298 miljun f'għajnuna umanitarja ta' emerġenza għal persuni milquta minn El Niño.

Il-Kummissjoni kienet ippreparata wkoll biex tipprovdi appoġġ fil-każ ta' diżastri għall-għarrieda. B'mod partikolari, l-UE pprovdiet finanzjament biex tappoġġa l-vittmi taċ-ċiklun tropikali Winston f'Fiġi u n-nixfa f'Papua New Guinea, kif ukoll l-għajnuna ta' persuni milquta mit-terremot li laqat l-Ekwador fl-2016 kemm b'għajnuna umanitarja kif ukoll bil-mobilizzazzjoni tal-assistenza Ewropea tal-protezzjoni ċivili.

Kwistjonijiet trażversali

Edukazzjoni f'emerġenzi

L-ispinta lill-edukazzjoni f'emerġenzi kienet prijorità ewlenija għall-Kummissjoni f'dawn l-aħħar snin. Fl-2016, il-Kummissjoni allokat aktar minn 4% tal-baġit ta' għajnuna umanitarja inizjali tagħha għal programmi tal-edukazzjoni fi kriżijiet umanitarji, b'konformità mal-impenji li saru mill-Kummissarju Stylianides fil-bidu tal-mandat tiegħu.

Summit Umanitarju Dinji

Il-Kummissjoni pparteċipat b'mod attiv fis-Summit Umanitarju Dinji (WHS), li seħħ fit-23 u l-24 ta' Mejju 2016 f'Istanbul. L-UE għamlet madwar 100 impenn. Dawn kienu jinkludu politika ġdida mmexxija mill-iżvilupp dwar iċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni[4]; linji gwida ġodda dwar protezzjoni sussidjarja; impenn attiv u l-iffirmar fil-"Grand Bargain" bl-għan li jittejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-għajnuna; l-iffinanzjar kontinwu għall-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza mill-baġit umanitarju; kif ukoll l-iffirmar tal-Karta dwar l-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità f'Azzjoni Umanitarja[5] u l-Karta dwar Kriżijiet Urbani[6].

The Grand Bargain

Il-Kummissjoni kellha rwol ewlieni fin-negozjati tal-Grand Bargain fit-tħejjija għas-Summit Umanitarju Dinji kif ukoll fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-impenji tagħha. Bil-Grand Bargain, id-donaturi u l-aġenziji ta' implimentazzjoni impenjaw ruħhom għal pakkett ta' azzjonijiet biex iżidu l-effiċjenza tal-azzjoni umanitarja fi spirtu ta' azzjoni konġunta u impenn reċiproku. Minbarra r-rwol tagħha bħala faċilitatur għall-Grand Bargain kollu kemm hu, il-Kummissjoni qed tikkontribwixxi għall-fluss tal-ħidma dwar valutazzjonijiet komprensivi u imparzjali tal-ħtiġijiet umanitarji. Dan il-fluss ta' xogħol huwa meqjus essenzjali peress li huwa l-bażi għall-

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Lejn Ħajja b'Dinjità: minn Dipendenza fuq l-għajnuna għal Ħajja Indipendenti. L-Ispustar bil-Forza u l-Iżvilupp", COM(2016) 234 finali

[5] http://humanitariandisabilitycharter.org/

[6] https://unhabitat.org/wp-content/uploads/2016/05/Global-Alliance-for-Urban-Crises-Charter-for-WHS-Final.pdf

ippjanar u l-finanzjament strateġiċi kif ukoll għal rispons umanitarju mmirat u effiċjenti.

Ir-rabta bejn l-azzjoni umanitarja u l-iżvilupp

L-importanza tar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp kienet minn ta' quddiem fid-diskussjoni kemm f'numru ta' avvenimenti multilaterali ewlenin kif ukoll fuq il-livell Ewropew. L-2016 rat progress f'dan ir-rigward kemm fil-livell politiku (pereż. il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp[7], id-WHS u l-Grand Bargain) kif ukoll fil-livell operattiv.

Is-servizzi tal-Kummissjoni ħadmu flimkien mill-qrib fil-Haiti dwar ir-rispons għall-Uragan Matthew, notevolment bil-ħsieb li jissaħħu s-sigurtà alimentari u r-reżiljenza rurali u fuq it-titjib tar-reżiljenza urbana. Fin-Niġerja, ġie żviluppat approċċ ta' reżiljenza konġunta biex jiġu indirizzati kriżijiet kumplessi fil-Grigal. Ittieħdu passi preliminari mis-servizzi tal-Kummissjoni biex jidentifikaw flimkien pajjiżi pilota biex ikomplu jsaħħu u juru l-kooperazzjoni umanitarja-tal-iżvilupp.

F'kuntesti ta' ċaqliq sfurzat, is-servizzi tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), qed jaħdmu flimkien mill-qrib fuq operazzjonijiet ta' sostenn fil-qasam biex jintroduċu approċċ komprensiv u mmexxi mill-iżvilupp għal ċaqliq sfurzat. Dan hu segwitu wkoll għad-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-19 ta' Settembru 2016. Hija tikkontribwixxi, barra minn hekk, biex tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-Unjoni Ewropea kif ippubblikata fl-2016.

Il-kooperazzjoni umanitarja u għall-iżvilupp ġiet imsaħħa biex tagħti rispons għall-ħtiġijiet edukattivi tat-tfal milquta minn kriżijiet u kunflitt u biex tibni sistemi ta' edukazzjoni aktar sostenibbli f'kuntesti fraġli u milquta minn kriżijiet bil-fond "Education Cannot Wait" (l-edukazzjoni ma tistax tistenna), li ġie mniedi waqt id-WHS.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll tapplika l-"approċċ nexus" biex ittejjeb is-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni fis-Saħel permezz tal- "Inizjattiva tal-Alleanza Globali fuq ir-Reżiljenza" (AGIR). F'dan il-kuntest, l-UE impenjat EUR 1,5 biljun f'għajnuna għall-iżvilupp biex jiġu appoġġati attivitajiet ta' bini ta' reżiljenza fl-Afrika tal-Punent għall-perjodu 2014–2020.

Il-kriżi ta' El Niño tal-2015/2016 kienet eżempju tajjeb ieħor ta' azzjoni konġunta bejn l-atturi umanitarji u ta' żvilupp kif ukoll bejn il-komunità internazzjonali u l-gvernijiet nazzjonali u lokali; il-finanzjament mill-UE totali ammonta għal EUR 539 miljun.

Matul il-ħidma tagħha f'pajjiżi affettwati minn kriżijiet, l-UE kompliet tapplika l-prinċipju "tagħmilx ħsara", u fittxet li tiżgura approċċ sensittiv għall-konflitt fl-azzjonijiet li tappoġġa.

Flus kontanti bħala modalità ta' għajnuna

F'konformità mal-impenji tagħha tal- "Grand Bargain", il-Kummissjoni żviluppat aktar l-użu ta' għajnuna bbażata fuq flus kontanti kull meta l-kuntest kien xieraq. Il-flus kontanti bħala modalità ta' għajnuna dejjem qed jintużaw iktar fil-forma ta'

[7] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/european-development-policy/european-consensus-development_en

trasferimenti bi skop multiplu mingħajr restrizzjonijiet, li joffri d-dinjità, l-għażla u l-flessibbiltà għall-popolazzjoni fil-mira. Vantaġġi oħra tal-użu tal-flus kontanti bħala modalità ta' għajnuna jinkludu effiċjenza akbar, valur għall-flus u fl-aħħar mill-aħħar effettività mtejba għad-donaturi u l-kontribwenti, b'aktar assistenza tilħaq l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni. Fejn kien possibbli u xieraq, kien hemm ukoll tentattivi biex jinsab allinjament ma' mekkaniżmi lokali u nazzjonali, bħal sistemi ta' protezzjoni soċjali.

Iċ-ċaqliq sfurzat

Minħabba ż-żieda drammatika fl-għadd ta' persuni spustati minħabba kunflitti madwar id-dinja, u x-xejra inkwetanti lejn sitwazzjonijiet ta' spostament dejjem iktar fit-tul, il-Kummissjoni formalment adottat approċċ ta' politika ġdida mmexxi mill-iżvilupp għal ċaqliq sfurzat. Din il-politika għandha l-għan li tipprevjeni ċ-ċaqliq sfurzat milli jkun fit-tul u biex gradwalment tintemm id-dipendenza fuq l-għajnuna umanitarja f'sitwazzjonijiet ta' ċaqliq eżistenti. L-enfasi tal-approċċ il-ġdid tinsab fuq it-trawwim tal-awtodipendenza u biex persuni spustati jkunu jistgħu jibdew jgħixu fid-dinjità bħala kontributuri fis-soċjetajiet ospitanti tagħhom, sakemm ikun possibbli r-ritorn volontarju jew ir-risistemazzjoni. Barra minn hekk, sabiex tissaħħaħ il-bażi tal-għarfien dwar sitwazzjonijiet u kaġunijiet ta' ċaqliq sfurzat fit-tul, iċ-Ċentru ta' Għarfien tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u Demografija (KCMD) tnieda f'Ġunju 2016.

Kriżijiet minsija

L-UE kompliet tagħmel enfasi partikolari fuq l-għoti ta' appoġġ lill-vittmi ta' "kriżijiet minsija", li minnhom mill-inqas 15 % tal-baġit għall-għajnuna umanitarja inizjali huwa ġeneralment iddedikat. B'mod partikolari l-UE kompliet l-appoġġ umanitarju tagħha lir-refuġjati mis-Saħara fl-Alġerija, lil persuni spostati internament fil-Myanmar u s-Sudan, lill-popolazzjonijiet affettwati mill-konflitti fil-Pakistan, u lir-refuġjati mid-Darfur fiċ-Chad.

Għodod ta' Emerġenza

L-Għodod ta' Emerġenza tal-UE għall-għajnuna umanitarja huma mfassla biex jirrispondu malajr għal emerġenzi li jseħħu għall-għarrieda. Dawn huma magħmula minn tliet mekkaniżmi ta' finanzjament: għal epidemiji; għal rispons fuq skala żgħira; u għal appoġġ għall-Fond ta' Emerġenza f'Każ ta' Diżastru (DREF) tal-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar. L-allokazzjoni finanzjarja ammontat għal total ta' EUR 11,5 miljun, li minnhom EUR 3.5 miljun għal epidemiji; EUR 5 miljun għal rispons fuq skala żgħira u EUR 3 miljun għad-DREF.

ECHO Flight u operazzjonijiet tat-trasport u loġisitika umanitarji oħra

F'ċerti kuntesti ta' kriżijiet, is-servizzi umanitarji bl-ajru huma l-uniku mezz ta' aċċess f'żoni remoti u biex jintlaħqu nies fil-bżonn minħabba restrizzjonijiet ta' sigurtà jew nuqqas ta' infrastruttura adegwata. Is-servizzi umanitarji bl-ajru huma użati wkoll għal evakwazzjonijiet mediċi u tas-sigurtà. Biex tittratta dawn il-ħtiġijiet għal aċċess f'kuntesti insiguri jew kuntesti diffiċli oħrajn, il-Kummissjoni tiffinanzja programmi speċifiċi tat-trasport u l-loġistika, notevolment permezz tas-Servizz Umanitarju bl-Ajru u l-Logistics Cluster tan-Nazzjonijiet Uniti (għal total ta' EUR 20,97 miljun). Il-Kummissjoni għandha wkoll is-servizzi tagħha tal-ECHO Flight għall-benefiċċju tal-

ħaddiema li jagħtu għajnuna umanitarja f'żoni milquta minn kriżijiet fl-Afrika tas-sub-Saħarjana (b'baġit ta' ftit inqas minn EUR 14-il miljun).

L-evalwazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja

Il-programm ta' evalwazzjoni tad-DĠ ECHO jkopri perjodu ta' ħames snin u għandu l-għan li jipprovdi kopertura sħiħa tal-attivitajiet tad-DĠ ECHO matul dan il-perjodu. Għall-għajnuna umanitarja, dan huwa żgurat permezz tat-twettiq ta' sensiela ta' evalwazzjonijiet ġeografiċi u tematiċi li jkopru l-aspetti importanti kollha tal-interventi umanitarji tad-DĠ ECHO. Barra minn hekk, titwettaq evalwazzjoni komprensiva matul kull perjodu ta' ħames snin, li tibni fuq 30 evalwazzjonijiet eżistenti u riċerka addizzjonali kif xieraq. Fl-2017 qed jitwettaq eżerċizzju komprensiv ta' dan it-tip, li jkopri l-perjodu bejn l-2012 u l-2016. Din l-evalwazzjoni teżamina l-implimentazzjoni ġenerali tal-politika dwar l-għajnuna umanitarja tal-UE.

Baġit 2016

1. Lista ta' ftehimiet ta' finanzjament konklużi mid-DĠ ECHO[8]:
http://ec.europa.eu/echo/files/funding/agreements/agreements_2016.pdf

2. Baġit ta' implimentazzjoni tad-DĠ ECHO 2016

BAĠIT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĠ ECHO 2016

Reġjun/pajjiż	Ammont
L-Afrika	**767**
Is-Sudan u s-Sudan t'Isfel	192
L-Afrika Ċentrali	94
Il-Lagi l-Kbar	63
Il-Qarn tal-Afrika	203
In-Nofsinhar tal-Afrika, l-Oċean Indjan	47
L-Afrika tal-Punent	140
L-Afrika ta' Fuq	20
L-Afrika	10
Il-Lvant Nofsani u l-pajjiżi Ewropej tal-viċinat	**747**
Il-Lvant Nofsani	634
Il-Pajjiżi Ewropej ġirien	114
L-Asja, il-Paċifiku	**119**
L-Asja tal-Lbiċ u Ċentrali	73
L-Asja tax-Xlokk u l-Paċifiku	47
L-Amerka Ċentrali u t'Isfel, il-Karibew	**46**
L-Amerika Ċentrali u t'Isfel	28
Il-Karibew	18
Diżastri dinjija	**41**
Protezzjoni ċivili	**42**
Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE	**8**
Distribuzzjoni tal-ħalib	**30**
Operazzjonijiet u appoġġ kumplimentari	**89**
TOTAL	**1 889**

(f'miljuni ta' EUR)

[8] Inklużi l-ismijiet ta' organizzazzjonijiet sħab kkonċernati.

INFORMAZZJONI U SORSI ADDIZZJONALI

- Informazzjoni ġenerali dwar id-DĠ ECHO: http://ec.europa.eu/echo/en
- Informazzjoni finanzjarja dwar l-attivitajiet tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea fl-2016: http://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/funding-decisions-hips_en
- Informazzjoni operazzjonali mis-snin ta' qabel: http://ec.europa.eu/echo/about/annual_reports_en.htm
- Ir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2016, id-DĠ ECHO: https://ec.europa.eu/info/publications/annual-activity-reports-2016_en
- Ir-Rapport Annwali tal-Ġestjoni u tal-Prestazzjoni għall-2016: https://ec.europa.eu/info/node/10237
- Ir-rapporti tal-evalwazzjoni tad-DĠ ECHO: http://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/evaluations_en
- Id-dejta tal-finanzjament tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri: https://euaidexplorer.ec.europa.eu
- Lista ta' sħab ffinanzjati fl-2016:

SĦAB 2016 — OPERAZZJONIJIET TA' GĦAJNUNA UMANITARJA

Isem is-sieħeb	Nazzjonalità sieħba
ACCIÓN CONTRA EL HAMBRE — ES	SPANJA
ACTED — FR	FRANZA
ACTION AGAINST HUNGER - UK	IR-RENJU UNIT
ACTION CONTRE LA FAIM - FR	FRANZA
ACTIONAID - UK	IR-RENJU UNIT
ADRA DANMARK - DK	ID-DANIMARKA
ADRA DEUTSCHLAND E.V. — DE	IL-ĠERMANJA
AGA KHAN FOUNDATION - UK	IR-RENJU UNIT
AGENCY FOR CO-OPERATION AND RESEARCH IN DEVELOPMENT - UK	IR-RENJU UNIT

AGRONOMES ET VETERINAIRES SANS FRONTIERES — FR	FRANZA
ALLIANCE POUR L'ACTION MEDICALE INTERNATIONALE - FR	FRANZA
ÄŒLOVEK V TÃ□SNI, O.P.S. - CZ	IR-REPUBBLIKA ĊEKA
ARBEITER-SAMARITER-BUND DEUTSCHLAND E.V. - DE	IL-ĠERMANJA
ARTSEN ZONDER GRENZEN — NL	IN-NETHERLANDS
ASSOCIAZIONE INTERNAZIONALE VOLONTARI LAICI- SERVIZIO DI PACE - IT	L-ITALJA
CARE - AT	L-AWSTRIJA
CARE - DE	IL-ĠERMANJA
CARE - FR	FRANZA
CARE - NL	IN-NETHERLANDS
CARE - UK	IR-RENJU UNIT
CARITAS - AT	L-AWSTRIJA
CARITAS — CH	L-IŻVIZZERA
CARITAS — DE	IL-ĠERMANJA
CARITAS — FR	FRANZA
CARITAS — LU	IL-LUSSEMBURGU
CATHOLIC AGENCY FOR OVERSEAS DEVELOPMENT - UK	IR-RENJU UNIT
CESVI FONDAZIONE ONLUS – IT	L-ITALJA
CHRISTIAN AID - UK	IR-RENJU UNIT
COMITATO INTERNAZIONALE PER LO SVILUPPO DEI POPOLI - IT	L-ITALJA
CONCERN WORLDWIDE - IE	L-IRLANDA
COOPERAZIONE INTERNAZIONALE - IT	L-ITALJA
DANISH COMMITTEE FOR AID TO AFGHAN REFUGEES - DK	ID-DANIMARKA
DANSK FLYGTNINGEHJAELP - DK	ID-DANIMARKA

DEUTSCHE WELTHUNGERHILFE E.V. — DE	IL-ĠERMANJA
EVANGELISCHES WERK FÜR DIAKONIE UND ENTWICKLUNG E.V. - DE	IL-ĠERMANJA
FAO	INTERNATIONAL ORGANISATION
FEDERACION DE ASOCIACIONES MEDICUS MUNDI ESPAÑA - ES	SPANJA
FEDERATION HANDICAP INTERNATIONAL - FR	FRANZA
FOLKEKIRKENS NODHJAELP — DK	ID-DANIMARKA
FONDAZIONE TERRE DES HOMMES ITALIA ONLUS - IT	L-ITALJA
FUNDACION ALIANZA POR LOS DERECHOS, LA IGUALD Y LA SOLIDARIDAD INTERNACIONAL - ES	SPANJA
FUNDACION OXFAM INTERMON — ES	SPANJA
FUNDACIÓN PLAN INTERNATIONAL ESPAÑA - ES	SPANJA
FUNDACIÓN SAVE THE CHILDREN - ES	SPANJA
GOAL - IE	L-IRLANDA
GRUPPO DI VOLONTARIATO CIVILE - IT	L-ITALJA
HELP - HILFE ZUR SELBSTHILFE E.V. - DE	IL-ĠERMANJA
HELPAGE INTERNATIONAL - UK	IR-RENJU UNIT
ICRC	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
IFRC	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
INTERNATIONAL MEDICAL CORPS - UK	IR-RENJU UNIT
INTERNATIONAL NGO SAFETY ORGANISATION - UK	IR-RENJU UNIT
INTERNATIONAL RESCUE COMMITTE - UK	IR-RENJU UNIT
INTERSOS - IT	L-ITALJA
IOM	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
ISLAMIC RELIEF WORLDWIDE - UK	IR-RENJU UNIT
JOHANNITER-UNFALL-HILFE E.V. - DE	IL-ĠERMANJA

KIRKENS NØDHJELP - NO	IN-NORVEĠJA
KIRKON ULKOMAANAPU SR. - FI	IL-FINLANDJA
LA CHAINE DE L'ESPOIR - FR	FRANZA
LUTHERAN WORLD FEDERATION - CH	L-IŻVIZZERA
MALTESER HILFSDIENST E.V. - DE	IL-ĠERMANJA
MDECINS DU MONDE - BE	IL-BELĠJU
MEDAIR — CH	L-IŻVIZZERA
MEDECINS DU MONDE - FR	FRANZA
MEDECINS SANS FRONTIERES - BE	IL-BELĠJU
MEDECINS SANS FRONTIERES - CH	L-IŻVIZZERA
MEDICO INTERNATIONAL E.V - DE	IL-ĠERMANJA
MEDICOS DEL MUNDO ESPAÑA — ES	SPANJA
MERCY CORPS EUROPE - UK	IR-RENJU UNIT
MISSION AVIATION FELLOWSHIP INTERNATIONAL - UK	IR-RENJU UNIT
MISSION OST FORENING - DK	ID-DANIMARKA
MOVIMIENTO POR LA PAZ, EL DESARME Y LA LIBERTAD - ES	SPANJA
MUSLIM AID - UK	IR-RENJU UNIT
NORWEGIAN REFUGEE COUNCIL – NO	IN-NORVEĠJA
OXFAM – UK	IR-RENJU UNIT
OXFAM ITALIA ONLUS ASSOCIAZIONE – IT	L-ITALJA
OXFAM-SOLIDARITE(IT) – BE	IL-BELĠJU
PELASTAKAA LAPSET - RÄDDA BARNEN - FI	IL-FINLANDJA
PLAN INTERNATIONAL - UK	IR-RENJU UNIT
PLAN INTERNATIONAL SVERIGE INSAMLINGSSTIFTELSE - SE	L-IŻVEZJA

PLAN IRELAND CHARITABLE ASSISTANCE - IE	L-IRLANDA
POLSKA AKCJA HUMANITARNA - PL	IL-POLONJA
PRACTICAL ACTION - UK	IR-RENJU UNIT
PREMIERE URGENCE INTERNATIONALE - FR	FRANZA
RADDA BARNENS RKSFORBUND - SE	L-IŻVEZJA
RED BARNET - DK	ID-DANIMARKA
RED CROSS - BE	IL-BELĠJU
RED CROSS - DE	IL-ĠERMANJA
RED CROSS - DK	ID-DANIMARKA
RED CROSS - ES	SPANJA
RED CROSS - FI	IL-FINLANDJA
RED CROSS - FR	FRANZA
RED CROSS - LU	IL-LUSSEMBURGU
RED CROSS - NL	IN-NETHERLANDS
RED CROSS - NO	IN-NORVEĠJA
RED CROSS - UK	IR-RENJU UNIT
REDD BARNA - NO	IN-NORVEĠJA
REDR - ENGINEERS FOR DISASTER RELIEF - UK	IR-RENJU UNIT
RELIEF INTERNATIONAL - UK	IR-RENJU UNIT
SAVE THE CHILDREN - NL	IN-NETHERLANDS
SAVE THE CHILDREN ITALIA ONLUS - IT	L-ITALJA
SOLIDAR SUISSE - CH	L-IŻVIZZERA
SOLIDARITES INTERNATIONAL - FR	FRANZA
SOS SAHEL INTERNATIONAL FRANCE - FR	FRANZA

SOS-KINDERDORF INTERNATIONAL - AT	L-AWSTRIJA
STICHTING OXFAM NOVIB - NL	IN-NETHERLANDS
STICHTING WAR CHILD - NL	IN-NETHERLANDS
STICHTING WORLD VISION NEDERLAND - NL	IN-NETHERLANDS
SVENSKA KYRKAN - SE	L-IŻVEZJA
TEARFUND - UK	IR-RENJU UNIT
TERRE DES HOMMES - CH	L-IŻVIZZERA
THE INTERNATIONAL CATHOLIC MIGRATION COMMISSION - CH	L-IŻVIZZERA
THE SAVE THE CHILDREN FUND - UK	IR-RENJU UNIT
TIERÄRZTE OHNE GRENZEN E.V. - DE	IL-ĠERMANJA
TRIANGLE GENERATION HUMANITAIRE - FR	FRANZA
TROCAIRE - IE	L-IRLANDA
UN - OCHA	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UN - OHCHR	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
NU — PAHO	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNDP	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNESCO	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNFPA	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNHCR	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNICEF	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNISDR	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNOPS	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNRWA	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
UNWOMEN	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI

WFP	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
WHO	ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI
WORLD VISION - DE	IL-ĠERMANJA
WORLD VISION - UK	IR-RENJU UNIT
ZOA — NL	IN-NETHERLANDS